MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 588/2006

**Middlesea Insurance plc (C5553) kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Kompakt Trading Limited, u l-istess Kompakt Trading Limited (C14641)**
**vs**
**Peter Tonna u Alfred Spiteri**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mis-socjetajiet attrici fit-28 ta' Gunju, 2006, li *in forza* taghha, wara li ppremettew :

Illi s-socjeta Kompakt Trading Limited hija proprjetarja ta' zewg garaxxijiet bin-numru 11 u 17 gewwa Triq Willie Attard, Hamrun;

Illi l-bini sovrastanti l-proprjeta ta' Kompakt Trading Limited hija proprjeta tal-intimati;

Illi wara maltempati li sehhew bejn id-19 u t-22 ta' Settembru 1997, dahlet kwantita ta' xita fil-garaxxijiet proprjeta ta' Kompakt Trading Limited mis-soqfa tal-istess, bil-konsegwenza li xxarbet merkanzija hemm imhazzna, liema merkanzija giet danneggjata irrimedjabbilment;

Illi ghal dan id-dannu, li kif jidher mid-Dok. A u B esebiti, jammonta ghat LM 7,370.16, huma responsabbli unikament l-intimati jew min minnhom, stante li dawn naqsu li jiehdu l-prekawzjonijiet mehtiega sabiex jilqghu l-ilma tax-xita fil-proprjeta taghhom, liema proprjeta kienet, fost affarijiet ohra, minghajr aperturi, kif jidher mis-survey report anness (Dok. C);

Illi s-socjeta Kompakt Trading Limited hija assikurata mas-socjeta Middlesea Insurance plc;

Illi s-socjeta Middlesea Insurance plc, kif kien id-dmir taghha in forza tal-polza tal-assikurazzjoni li ghandha ma Kompakt Trading Limited, ghamlet tajjeb ghad-danni sofferti mill-assikurata taghha billi hallset lill-istess is-somma ta' LM 7,370.16, bil-konsegwenza li dina giet issurrogata fid-drittijiet ta' Kompakt Trading Limited;

Illi Middlesea Insurance plc hallset ukoll is-somma ta' LM 658.80 import ta' zewg invoices, Dok E u D esebiti, rappresentanti spejjez ta' rapport li kellu jsir dwar l-incident in kwistjoni;

Illi s-socjeta Middlesea Insurance plc irnexxielha ssalva parti mill-merkanzija assikurata, u ta' dan hija thallset is-somma ta' LM 400.00 (Dok. F);

Illi ghalhekk is-socjeta Middlesea Insurance plc hija kreditrici tal-intimati, jew min minnhom, fis-somma komplessiva ta' LM 7,628.96;

Illi ghalkemm interpellati biex ihallsu din is-somma, l-intimati baqghu inadempjenti;

Illi s-socjetajiet rikorrenti kienu pprocedew quddiem din il-Qorti ghall-irkupru tad-danni sofferti, izda bi zvista, kif spjegat ahjar fid-dikjarazzjoni annessa, l-kawza giet dezerta;

Talbu li l-intimati jghidu ghaliex, ghar-ragunijet fuq premessi, din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom debituri tas-socjeta attrici Middlesea Insurance plc fis-somma ta' LM 7,628.96;
2. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom, sabiex ihallsu lil Middlesa Insurance plc is-somma ta' LM 7,628.96.

Bl-interessi legali u bl-ispejjez kontra l-intimati, li huma minn issa ngunta ghas-subijzzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Alfred Spiteri, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi fl-ewwel lok ir-rikors promutur huwa null u bla effet fil-Ligi peress li ma gietx segwita l-procedura stabbilita fl-artikoli 154 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju, t-talbiet tar-rikorrenti huma ghal kollox preskritti ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju, l-azzjoni attrici hija improponibbli stante li r-rikorrenti gja kienu pprezentaw kawza ohra kontra l-intimati fuq l-istess meritu fl-istess ismijiet (Citazzjoni Numru 2176/98 GC) liema kawza marret dezerta fis-27 t'Ottubru 2005 u l-ispejjez ta' dik il-kawza ghadhom ma thallsux, u dan ai termini tal-artikolu 907(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju, l-azzjoni attrici hija ukoll legalment improponibbli stante li kif postulat ir-rikors promutur ma jista' qatt jirnexxi peress illi t-talbiet rikorrenti kellhom jigu preceduti b'talba ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilita';

5. Illi kwantu jirrigwarda is-socjeta Middlesea Insurance plc kif surrogata, l-esponenti m'ghandu ebda relazzjoni guridika maghha u ghalhekk mhux il-legittimu kontradittur u kwindi ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju;
6. Illi kwantu ghas-socjeta rikorrenti l-ohra Kompakt Trading Limited, stante li rceviet il-hlas minghand is-socjeta rikorrenti l-ohra, illum m'ghandiex aktar interess guridiku u ghalhekk l-esponenti anke di fronte ta' din is-socjeta' ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju;
7. Illi fil-meritu l-esponenti ma kkawza ebda hsarat fil-proprjeta mertu ta' din il-kawza, peress li da parti tieghu ha l-prekawzjonijiet kollha necessarji fil-Ligi u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;
8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost biex azzjoni ghad-danni tirnexxi r-rikorrenti mhux biss huma tenuti jipprovaw materjalment li soffrew danni, izda jridu jipprovaw wkoll in-ness bejn id-danni minnhom allegatament sofferti u xi azzjoni jew ommissjoni tal-esponenti;
9. Salvi, jekk ikun il-kaz, risposti, ossia eccezzjonijiet, ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Alfred Spiteri;

Rat ir-risposta tal-konvenut Peter Tonna, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda minn din il-Qorti stante illi l-istess konvenut Peter Tonna bl-ebda mod ma huwa responsabbli ghad-danni u hsarat allegatament sofferti minn Kompakt Trading Limited;
2. Illi l-bini propjeta tal-esponent li ghalih ssir referenza fic-citazzjoni attrici huwa mibni skond is-sengha u l-arti;
3. Illi l-esponent fl-istess bini propjeta tieghu ha dawk il-prekawzjonijiet kollha li wlehed jistenna sabiex ma

sslrx la hsara fil-propjeta tieghu u l-anqas fil-propjeta ta' Kompakt Trading Limited;
4. Illi bejn ll-propjeta tal-esponent u dik tas-socjeta Kompakt Trading Limited hemm il-propjeta tal-konvenut Alfred Spiteri;
5. Illi l-attur nomine irid jipprova illi d-danni allegatament sofferti mis-socjeta assikurata effettivament graw, u jrid jipprova li dawn id-danni graw minhabba nuqqasijiet li jistghu jigu attribwiti lil esponent direttament u mhux lil konvenut l-iehor Alfred Spiteri, jew lil terzi jew minhabba hwejjeg naturali li ma hemmx kontroll fuqhom;
6. Illi fl-ahhar lok, u minghajr pregudlzzju ghas-suespost il-valur tad-danni sofferti ghandu jigi ppruvat;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Peter Tonna;

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Marzu 2007, u senjatament illi waqt dik is-seduta il-konvenut Alfred Spiteri irtira l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, u rat ukoll illi, bi qbil bejn il-partijiet gie deciz illi il-provi u l-atti kollha tal-kawza (Citaz Nru 2203/98) ghandhom jikkostitwixxu stat ta' prova fil-kawza odjerna;

Rat il-provi u l-atti kollha illi tressqu fil-kawza fl-ismijiet Kompakt Trading Limited vs Peter Tonna u Alfred Spiteri (Rikors Guramentat Nru 2203/98) u senjatament ir-rapport tal-Perit Tekniku, il-Perit Albert Fenech, mahluf waqt is-seduta tas-6 ta' Marzu 2008.

Ikkunsidrat :

Illi s-socjetajiet attrici fethu din il-kawza sabiex il-konvenuti jigu dikjarati debituri taghhom fis-somma ta' sebat elef sitt mija tmienja u ghoxrin Lira Maltin u sitta u disghin centezmu (LM 7,628.96) u sussegwentement sabiex jigu ikkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici Middlesea Insurance plc is-somma fuq imsemmija.

Illi s-socjetajiet attrici jikkontendu li din is-somma hija dovuta mill-konvenuti, jew min minnhom minhabba illi

wara maltempati li sehhew f'Settembru 1997 dahlet kwantita ta' ilma fil-garaxxijiet proprjeta tas-socjeta attrici Kompakt Trading Limited mis-soqfa tal-istess, bil-konsegwenza li ixxarbet merkanzija hemmhekk mahzuma; liema merkanzija giet danneggjata irrimedjabbilment u d-danni ammontaw ghas-somma ta' sebat elef tlett mija u sebghin Lira Maltin u sittax il-centezmu (LM 7,370.16). Is-socjetajiet attrici jikkontendu li l-intimati, jew min minnhom, huma responsabbli unikament ghal dawn id-danni peress li naqsu li jiehdu l-prekawzjonijiet mehtiega biex jilqghu l-ilma tax-xita fil-proprjeta taghhom; liema proprjeta kienet, fost affarijiet ohrajn, minghajr apperturi.

Illi s-socjeta Kompakt Trading Limited hija assikurata mas-socjeta' attrici Middlesea Insurance; liema socjeta' ghamlet tajjeb ghad-danni sofferti mis-socjeta' assigurata taghha, is-socjeta' attrici Kompakt Trading Limited, bil-konsegwenza li din giet issurrogata fid-drittijiet tas-socjeta' attrici Kompakt Trading Limited.

Illi s-socjeta attrici Middlesea Insurance plc hallset ukoll is-somma ta' sitt mija tmienja u hamsin Liri Maltin u tmenin centezmu (LM658.80), rapprezentanti spejjez ta' rapport li kellu jsir dwar l-incident in kwistjoni. Is-socjeta attrici Middlesea Insurance irnexxielha issalva parti mill-merkanzija, u ta' dan thallset is-somma ta' erba mitt lira Maltin (LM400) u ghalhekk is-socjeta' attrici Middlesea Insurance tikkontendi li hija kreditrici tal-intimati, jew min minnhom, fis-somma komplessiva ta' sebat elef sitt mija tmienja u ghoxrin Lira Maltin u sitta u disghin centezmu (LM 7,628.96).

Ikkunsidrat :

Illi ma gew prodotti l-ebda provi f'din il-kawza u ghalhekk il-Qorti sejra tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi migbura fil-kawza fl-ismijiet Kompakt Trading Limited vs Peter Tonna u Alfred Spiteri (Citazzjoni Nru 2203/98.)

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti tara fuq l-iskorta ta’ diversi sentenzi illi, fic-cirkostanzi odjerni, ghandha taddotta u taghmel taghha il-konkluzjonijiet tal-espert tekniku, u dana peress illi l-Qorti hija sodisfatta illi mill-aspett tekniku il-perizja teknika dahlet fid-dettal fir-ragunijiet u fil-motivazzjonijiet taghha.

Ghadaqstant il-konkluzjonijiet teknici illi wasal ghalihom il-perit tekniku huma konvincenti u il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha tiddepartixxi minnhom.

Illi l-perit tekniku silet il-punti saljenti dedotti mix-xhieda migbura u d-dokumenti esebiti u elenkhom kif gej :

“a. Il-maisonette Numru: 1 tal-konvenut Peter Tonna tinsab fit-tieni sular, sovrastanti dik Numru: 3 tal-konvenut l-iehor Alfred Spiteri, li tinsab fl-ewwel sular sovrastanti l-garages Numru: 5, Numru: 7, Numru: 9, u Numru: 11, kollha fi Triq Willie Attard, Hamrun.

b. L-imsemmija zewg maisonettes u erba' garages sottostanti jiffurmaw parti mill-istess blokk bini, li warajh kien hemm ghalqa f'livell moghla minn erba' sa hames jew sitt filati 'il fuq mill-art tal-garages, li warajhom, meta ttella' il-bini in kwistjoni, kien thalla gandott li waqt ix-xita kien jintela' bl-ilma li mbaghad jiskula mill-hajt divizorju ghal gol-garages; u fil-fatt l-imsemmi blokk bini jestendi l-isfel matul it-triq, izda b'maisonettes u garages ohra, li m'humiex taht iz-zewg maisonettes tal-konvenuti, fost liema garages ohra hemm il-garage Numru: 17, li kien gie akwistat mis-socjeta attrici flimkien mal-garage Numru: 11.

c. Ghalkemm fic-citazzjoni ssemma' kemm il-garage Numru: 11, kif ukoll il-garage Numru: 17, atwalment il-garage Numru: 11 biss huwa involut ghax hu biss jinsab taht parti mill-maisonettes tal-konvenuti, u fil-fatt dan il-garage Numru: 11 jestendi wkoll taht proprjeta ta' terzi, li tmiss mal-maisonettes tal-konvenuti.

d. Il-garage Numru: 11 huwa msaqqaf bi planki tal-konkos prestressed, u dan bhal ma probabbilment huma wkoll imsaqqfa l-garages l-ohra adjacenti, ghaliex m'hux il-hitan

kollha nbnew fuq il-hitan tal-garages sottostanti, u diversi hitan fil-maisonettes in kwistjoni gew mibnija direttament fuq il-planki tal-konkos prestressed, fejn taht evidentement m'hemmx hitan ohra; f'dan ir-rigward irid jinghad li pjanta tal-blokk bini in kwistjoni ma gietx esebita.

e. Il-konvenut Peter Tonna akwista l-maisonette Numru: 1, u l-garage Numru: 7, fit-12 ta' Dicembru 1995, fi stat ta' gebel u saqaf, cioe 'in shell form', u bil-kontrabejt ta' fuq is-saqaf tal-maisonette lest, u l-katusi tal-ilma tal-bejt, kif ukoll dawk tad-drenagg imwahhla f'posthom.

f. Il-katusi tal-ilma tal-bejt tal-maisonette ta' Peter Tonna jghaddu ghal gol-bitha tal-maisonette tal-konvenut l-iehor Alfred Spiteri, minn hemm ghal gewwa l-garage Numru: 9 ta' terzi, li jinsab bejn il-garage Numru: 7 ta' Peter Tonna u l-garage Numru: 11 tas-socjeta attrici, u minn hemm ghal barra t-triq.

g. Il-katusi tad-drenagg li jservu z-zewg maisonettes tal-konvenuti jghaddu ghal gewwa l-garage ta' Peter Tonna stess, u minn hemm ghal mas-sistema tad-drenagg tal-Gvern.

h. Il-konvenut l-iehor Alfred Spiteri akwista l-maisonette Numru: 3 f'Awissu 1996, fi stat ta' gebel u saqaf, cioe 'in shell form', bil-katusi tal-ilma tal-maisonette sovrastanti mwahhlin f'posthom, kif gja indikat, fil-bitha tieghu, minn fejn il-katusa tal-ilma mill-istess bitha tieghu tghaddi ghal gewwa l-garage Numru: 9 tat terzi, u minn hemm ghal barra t-triq.

i. Sa meta nqala' l-incident mertu ta' dil-kawza, il-konvenut Peter Tonna kien halla l-maisonette tieghu fl-istat li kienet meta akwistha, hlief li lahaq ghamel biss il-conduit u wiring tal-istallazzjoni tal-eletriku, u b'hekk meta nqala' l-incident in kwistjoni, il-maisonette tieghu kienet ghadha bla aperturi u bla madum tal-art.

j. Sa meta nqala' l-incident mertu ta' dil-kawza, il-konvenut l-iehor Alfred Spiteri kien ukoll lahaq ghamel biss il-conduit u wiring tal-eletriku, izda peress illi xi ghaxart ijiem

wara nofs Settembru 1997, cioe qabel l-ewwel maltempata, Jesmar Valletta ghas-socjeta attrici cempillu u qallu jara x'jaghmel ghax kien ried inehhi merkanzija ta' stationery u karta minn garage f'Hal Qormi u jqeghda fil-garage sottostanti l-maisonette tieghu, Alfred Spiteri, apparti milli qallu li ma kienetx haga ghaqlija jistiva karta u dik it-tip ta' merkanzija hemmhekk meta l-bini kien ghadu m'hux lest, fi zmien gimgha ippavimenta l-bitha u ghalaq l-aperturi fuq il-faccata bi plastic sheeting; u b'hekk qabel l-ewwel maltempata il-maisonette ta' Alfred Spiteri kienet ghadha bla paviment, hlief dak tal-bitha, u l-aperturi tal-faccata kienu maghluqa biss bi plastic sheeting li evidentement ftit wara tqatta', waqt li l-aperturi ta' fuq il-bitha inghalqu bi plastic sheeting wara l-ewwel maltempata.

k. Jesmar Valletta, ghas-socjeta attrici, xtara il-garage in kwistjoni Numru: 11, u l-garage l-iehor Numru: 17, fl-1996, 'in shell form', meta il-maisonettes sovrastanti tal-konvenuti kienu wkoll 'in shell form'.

l. Kif is-socjeta attrici ghamlet il-konvenju, bdew jirrangaw il-garage in kwistjoni u fil-fatt lestewh u bdew juzawh u baqghu juzawh ghal storage ta' stationery, izda l-maisonettes ta' fuq dan l-garage baqghu 'in shell form'.

m. Iz-zewg garages tas-socjeta attrici inxtraw 'in shell form' bil-bibien u bl-art tal-konkos lesta, izda il-hitan ma kienux imkahhlin u mizbughin la minn barra u lanqas minn gewwa, u ghalhekk tkahhlu u tbajdu, izda s-saqaf ma giex miksi, waqt li z-zebgha tal-qatran mal-hajt tan-naha ta' wara saret wara s-26 ta' Ottubru 1996, u dan qabel Jesmar Valletta beda juza l-fond, ghaliex apparti milli ghamel gutter matul il-hajt fuq in-naha ta' wara tal-garage biex jilqa l-ilma li jiskula minnu u jdawru ghal barra, qabbad haddiema jifthu l-fili tal-hajt fuq in-naha ta' wara, ikahhluhom, u japplikaw iz-zebgha tal-qatran, ghaliex kien jaf li mill-hajt fuq in-naha ta’ wara kien jiskula l-ilma fil-garages kollha li hemm magemb xulxin.

n. Sussegwentement, cioe wara s-26 tal Ottubru 1996, garrew il-merkanzija li kellhom band'ohra ghal go dal-

garage; u fil-fatt fid-diversi xhieda, darba ssemma li giet trasferita minn xi mahzen il-Marsa, darb'ohra minn xi mahzen iz-Zurrieq u iehor il-Marsa, u darb’ohra minn xi mahzen Hal-Qormi, u dan apparti milli kien waslielhom xi container b’merkanzija.

o. Meta fit-18 ta' Settembru 1997 saret telefonata mis-socjeta attrici illi kien dahal xi ilma fil-garage ta’ taht parti mill-maisonettes in kwistjoni minghajr ma giet ikkagunata hsara, il-konvenut Alfred Spiteri fuq talba ta’ Jesmar Valletta biex jara x'jaghmel, ippavimenta il-bitha tieghu, li in parti tigi fuq parti mill-imsemmi garage, u ghalaq l-aperturi tat-twieqi fuq il-faccata bi plastic sheeting, li spicca tqatta’.

p. Madwar 9.45 a.m. ta' Nhar it-Tnejn 22 ta' Settembru 1997, meta fetah il-garage in kwistjoni tas-socjeta attrici, Vincent Valletta sab li kien dahlielhom l-ilma, u meta acceda fi proprjeta adjacenti tal terzi ra li katusa tal-ilma tal-bejt tal-maisonette ta' Peter Tonna kienet inqalet minn mal-hajt u l-ilma kien qeghed icarcar ‘l isfel mal-hajt, u spicca nifed fil-garage taghhom, minn gos-saqaf, cioe minn bejn il-fili tal-planki prestressed, u biex jevitaw kemm jistghu aktar hsara ghamlu xi tlieta jew erba' tankijiet biex jilqghu t-taqtir tal-ilma mis-saqaf, u ghattew il-merkanzija bi plastic sheeting.

q. Peress illi dakinhar Peter Tonna ma marx fuq il-post, Vincent Valletta kahhal il-katusa f'postha hu stess, u sostna li qatt ma kienet imwahhla sew.

r. L-ghada, cioe fit-23 ta' Settembru 1997, rega' dahal l-ilma fil-garage tas-socjeta attrici, izda sussegwentement ghalkemm ghamlet xita qawwija, qatt ma rega' dahal ilma.

s. Mikiel Holt, Chartered Loss Adjuster tal-Mediterranean Survey Bureau Limited, inkarigat minn Melita Insurance Agency Limited, issottometta zewg Preliminary Reports, u eventwalment zewg Final Reports, dwar il-hsara rrappurtatt fil-jumejn konsekuttivi indikati, ghal ammonti rispettivi ta' Lm5938.88 u Lm1481.28, b'total ta' Lm7420.16.

t. In kontro-ezami Michael Holt irrileva kif esegwixxa l-verifiki dwar il-merkanzija danneggjata u spjega li hu ghamel 'random check', u dan wara li gabar l-informazzjoni dwar il-hsara pretiza mill-insured, ezamina l-invoices, u hareg stima tal-hsara fuq il-'purchase price', u ra jekk kienx hemm possibbilta ta' 'salvage value', u 'subrogation' ghall-irkupru tal-ispejjez.

u. Michael Holt ikkonkluda illi l-hsara fil-garage tas-socjeta attrici kienet primarjament ikkagunata bl-ilma tax-xita mill-katusa tal-maisonette ta' Peter Tonna, u bl-ilma tax-xita li dahal mill-aperturi li thallew miftuha mill-konvenuti, kif ukoll ghall-fatt illi l-art tal-fondi tal-konvenuti kienet ghadha m'hix pavimentata; u fuq hekk il-Melita Insurance Agency Limited, wara li hallset lis-socjeta attrici ghal hsara li giet stabbilita, qeghed tikkorrobora maghha sabiex tirkupra l-ispejjez minghand il-konvenuti.

v. Andrew Pizzuto, il-Claims Manager ta' Melita Insurance Agency, in kontro-ezami, irrileva li l-Garage Numru: 11 mertu ta' din il-kawza, u dak Numru: 17 tas-socjeta attrici, il-Hamrun, kienu gew inkorporati fi 'Traders Combined Schedule' ghal ma' garage iehor li s-socjeta attrici kellha l-Marsa, u terga ma' garage iehor li kellha Birkirkara, liema garages tal-Marsa u Birkirkara, kontra dak in kwistjoni tal-Hamrun li kien jinsab taht fondi fi stat ta' gebel u saqaf, kienu jinsabu taht fondi abitati.

w. Andrew Pizzuto rrileva wkoll, in kontro-ezami, illi l-informazzjoni kollha pprovduta minn Jesmar Valletta fil-'Proposal Form' relattiva, iffirmata minnu ghas-socjeta attrici fis-17 ta' Jannar 1997, ma tigix verifikata mis-socjeta assikuratrici, peress li jezisti principju ta' "utmost good faith"; u rrileva wkoll li lis-socjeta assikuratrici kellu jigi indikat l-istat li kienet tinsab fih il-proprjeta sovrastanti u jekk din il-proprjeta sovrastanti kienetx abitata jew le, izda din hija kwistjoni fejn l-underwriter jevalwa r-riskju involut wara diskussjoni mal-proposer dwar fatturi ohra.

x. Richard Vella, il-General Manager ta' Melita Insurance Agency Limited, li dak iz-zmien kien l-underwriter involut,

ftakar li kien mar jara l-post il-Hamrun, ghaliex il-klijent kien qallu li fuq kien hemm xi bini gdid 'in shell form' .”

Illi l-perit tekniku wasal ghas-segwenti **Deduzzjonijiet u Konkluzjoni:**

“Mix-xhieda jirrizulta li Jesmar Valletta, ghas-socjeta attrici, kien konxju tal-fatt illi l-garage Numru: 11, Triq Willie Attard, Hamrun, mertu ta' dil-kawza, li xtara ghas-socjeta attrici fl-1996 flimkien mal-garage l-iehor Numru: 17, kien sottopost, m'hux fl-interita tieghu, ghal fondi li kienu ghadhom in shell form.

Jesmar Valletta kien ukoll jaf li kien jidhol l-ilma ghal gol-garage in kwistjoni mill-hajt ta' wara li jmiss ma' ghalqa f'livell oghla mill-art ta' dan il-garage u garages ohra adjacenti, ghax barra milli ipprova jiftiehem mas-sidien tal-garages l-ohra biex jiffurmaw gutter tal-konkos fejn kien thalla gandott meta ttella' l-blokk bini li minnu jiffurmaw parti, qabel beda juza l-garage, hu stess qabbad haddiema jifthu l-fili, ikahhluhom sew, u jiksu l-hajt tan-naha ta' wara b'zebgha tal-qatran, u ma' l-istess hajt ghadda gutter biex jilqa l-ilma li seta' jidhol.

Meta Jesmar Valletta inxurja il-garage in kwistjoni, flimkien ma' garages ohra, kemm hu, kif ukoll l-underwriter ta' Melita Insurance Agency Limited, kienu jafu li l-garage in kwistjoni ried jigi uzat ghal merkanzija li tikkonsisti fi stationery, karta, u affarijiet konnessi ma' stationery.

Skond kif spjega Andrew Pizzuto, il-Claims Manager ta' Melita Insurance Agency, huma setghu johorgu polza sakemm ir-riskju jkun fil-parametri stipulati mill-Middle Sea Insurance, li taghhom huma agenti. Huma jimxu fuq principju ta' "utmost good faith" min-naha tal-proposer, u ghalhekk ma jivverifikawx kull ma jiddikjara jew jonqos li jiddikjara; izda f'dal-kaz jidher li ghalkemm Jesmar Valletta fil-'Proposal Form' li ssottometta ma rrilevax li l-garage Numru: 11 kien jinsab taht bini li ghadu 'in shell form', bla aperturi, bla madum tal-art, u bil-hitan ghadhom m'hux imkahhla u mbajda, l-underwriter irrileva li kien mar

jara l-post ghax Jesmar Valletta kien qallu li fuq kien hemm xi bini gdid 'in shell form'.

B'hekk, u bil-fatt li l-polza relattiva nharget, wiehed jista' jiddeduci li r-riskju ghall-Insurance kien jaqa' f'parametri accettabbli ghaliha.
Dawn il-parametri ma gewx specifikati, izda l-entita ta' riskju f'kaz ta' garage taht bini lest minn kollox u abitat, m'huwiex bhal dak ta' garage taht bini li jkun ghadu 'in shell form', bla aperturi u bla madum tal-art.

Milli jidher, Jesmar Valletta u l-underwriter assumew illi l-maisonettes in parti sovrastati l-garage in kwistjoqi kienu ser jitlestew minn kollox fi zmien qasir, izda iz-zewg konvenuti, ghal ragunijiet jew ragunijiet ohra, ma kienux disposti jlestu x-xogholijiet kollha malajr, anzi damu hafna biex lestghuhom minn kollox.
Qabel il-maltempata li fiha s-socjeta attrici soffriet il-hsara fil-merkazija in kwistjoni, fuq il-bejt tal-maisonette ta' Peter Tonna kien hemm kontrabejt u katusi f'posthom, u Alfred Spiteri qabad u ppavimenta il-bitha tieghu.

Waqt il-maltempata l-imsemmija katusa tal-ilma tal-bejt inqalet u l-ilma carcar mal-hitan ghal isfel, fejn flimkien ma' xi ilma tax-xita li seta' dahal mill-aperturi li kienu ghadhom miftuha, spicca pperkola minn gos-saqaf tal-garage in kwistjoni, u xxarbet il-merkanzija tas-socjeta attrici.

L-imsemmija katusa kienet tinzel mill-bejt tal-fond ta' Peter Tonna ghal gol-bitha tal-fond ta' Alfred Spiteri, li in parti qeghda fuq il-garage Numru: 9 ta' terzi, u in parti fuq il-garage Numru: 11 tas-socjeta attrici; u fil-fatt il-katusa kienet tinsab fuq il-parti li qeghda fuq il-garage ta' terzi, u hemmhekk l-ilma carcar mal-hitan ghal gewwa kamra u nfirex fuq parti mill-art tal-fond ta' Alfred Spiteri.  Waqt li l-art tal-bitha kienet pavimentata, il-kumplament tal-art tal-fond tieghu ma kienetx pavimentata.

Il-'grouting' ta' bejn il-planki prestressed u l-konkos f'irjushom seta' ma kienx ghal kollox kif kellu jkun, u b'hekk l-ilma pperkola u mexa mal-fili ta' bejn il-planki

prestressed; u kieku s-socjeta attrici kienet hadet il-prekawzjoni tkahhal sew dawn il-fili ta' bejniethom minn taht b'mod effikaci, biex b'hekk jigu sigillati, kien ikun iktar difficli li jipperkola hafna ilma.

Jibqa' l-fatt illi ma tresqux provi li l-konvenuti kellhom ilestu l-fondi minn kollox fi zmien specifikat, u inzertaw ma kellhomx ghagla, jew kien ghadhom ma setghux, ghall-inqas jaghlqu l-aperturi u jippavimentaw l-art, ghax kienu xtrawhom bil-kontrabejt u l-katusi f'posthom, u Alfred Spiteri ppavimenta l-bitha fi zmien gimgha mindu Jesmar Valletta qallu jara x'jaghmel qabel l-ewwel maltempata; qabel, qatt ma kien dahal ilma hlief mill-hajt ta' ma' l-ghalqa fuq in-naha ta' wara.

Il-mod kif ic-'Chartered Loss Adjuster' ghas-socjeta askuratici involuta wasal ghall-istima tal-hsara a bazi ta' 'random check' gie dubitat; u l-fatt li l-polza ghall-insurance ta' merkanzija konsistenti primarjament fi stationery u karta inharget meta kienu jafu li l-garage in kwistjoni kien sottopost parti minn fondi in shell form seta' ppregudika d-dritt tal-konvenuti li jkomplu bix-xogholijiet mehtiega biex ilestu l-fondi taghhom skond il-kumdita u l-mezzi taghhom.

F'dan l-isfond u minhabba l-fatt li fil-'Proposal Form' biex harget il-polza in kwistjoni ma kien hemm ebda indikazzjoni li l-garage kien taht bini ta' terzi fi stat ta' gebel u saqaf, minghajr hitan imkahhla, minghajr paviment, u minghajr aperturi, ir-rakkomandazzjoni tac-'Chartered Loss Adjuster' biex jirkupraw l-ispejjez mill-konvenuti, ma tidherx li kienet gustifikata, ghax kienet ibbazata fuq il-fatt li l-fondi kienu ghadhom bl-art m'hix pavimentata, b'aperturi li kienu ghadhom miftuha - stat ta' fatt li kien ezistenti meta nharget il-polza - u li l-ilma kien dahal mis-saqaf tal-garage ghaliex katusa tal-ilma tal-bejt tal-fond ta' fuq, li kien ghadu in shell form u m'hux abitabbli, kienet inqalghet minn mal-hajt.

Skond id-'Discharge Forms' Dok. AP27 u Dok. AP28 , is-socjeta attrici atwalment thallset minn Melita Insurance Agency Limited: Lm5913.88 + Lm 1481.28 = Lm7395.16.

In konkluzjoni irid jinghad illi, salv konsiderazzjonijiet konnessi mal-aspett legali tal-kaz, rigward l-ewwel talba attrici, cioe rigward ir-responsabbilta u l-inkonvenjent konnessi mal-hsara li grat f'Settembru 1997, jidher mis-suespost, mix-xhieda migbura, u mid-dokumenti esebiti, illi m'hemmx bizzejjed gustifikazzjoni ghal din l-ewwel talba attrici, li kienet evidentement ibbazata fuq il-fatt li l-proprjeta tal-konvenuti, sovrastanti l-garage tas-socjeta attrici, thalliet m'hix kompluta ghal aktar minn sena, u fuq il-fatt illi l-hsarat li s-socjeta attrici sofriet setghu gew evitati kieku l-konvenuti hadu l-prekawzjonijiet mehtiega sabiex l-ilma tax-xita jkun milqugh sew fil-proprjeta taghhom.

Il-hsara li grat kienet limitata ghall-merkanzija inxurjata li tqeghdet fil-garage tas-socjeta attrici meta certu grad ta' riskju tal perkolazzjoni ta' ilma kien evidenti.

Irid jigi nnutat illi l-maltempata grat fit-22 u fit-23 ta’ Settembru 1997, u l-ittri ufficjali u protest fil-konfront tal-konvenuti, indikati fic-citazzjoni, huma kollha datati l-25 tal Settembru 1998.

Permezz ta’ dawn l-ittri ufficjali, il-konvenuti gew interpellati jiehdu l-prekawzjonijiet kollha sabiex jassikuraw li ma tergax tigri hsara simili ghal dik li grat f’Settembru 1997.

Fir-rigward tat-tieni talba attrici sabiex il-konvenuti jigu ordnati jaghmlu xoghol mehtieg biex ma jidholx ilma mill-proprjeta taghhom ghal gol-garage in kwistjoni tas-socjeta attrici, irid jinghad illi, wara dak li lahaq gara, lahaq ukoll ghadda hafna zmien u ma regghetx grat hsara simili. Il-maisonettes tal-konvenuti tlestew, u issa kull ma jistghu jigu ordnati jaghmlu l-konvenuti hu li jzommu fi stat tajjeb il-katusi ta’ l-ilma tax-xita u l-paviment li fuqu jista’ jingabar l-ilma.”

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti osservat illi s-socjeta' attrici ma segwietx it-talba taghha ghan-nomina ta' periti addizzjonali skond kif trid il-ligi u lanqas ma ipprezentat xi nota ta' kritika ghar-rapport peritali. Hija illimitat ruhha sabiex taghmel domandi in eskussjoni lill-perit tekniku u tellghetu wkoll jixhed in eskussjoni. Is-socjeta' attrici lanqas biss ma ipprezentat xi nota ta' sottomissjonijiet u dan meta il-konkluzjonijiet peritali kienu fis-sens illi it-talbiet taghhom ma kellhomx jigu milqugha mill-Qorti.

Ikkunsidrat :

Illi meta kienu qeghdin isiru d-domandi lill-perit tekniku in eskussjoni, l-avukat difensur tas-socjeta' attrici irrileva illi l-perit tekniku kien ghamel osservazzjonijiet ta' natura legali u mhux kostatazzjonijiet ta' natura teknika u ipprometta li kien ser jipprezenta rikors fir-registru tal-Qorti fejn jitlob lill-Qorti ma tiehux konjizzjoni ta' dawn il-konkluzjonijiet, izda il-Qorti tosserva illi s-socjeta' attrici naqset milli tipprezenta dan ir-rikors kif kienet ippromettiet illi taghmel waqt is-seduta tad-29 ta' April, 2009.

Ikkunsidrat :

Illi a skanz ta' ripetizzjoni il-Qorti tirreferi ghall-punti saljenti illi silet il-perit tekniku mix-xiehda migbura u d-dokumenti esebiti kif elenkahom fir-rapport tieghu. Il-perit tekniku spjega illi l-maisonette numru 1 tappartjeni lill-konvenut Peter Tonna u tinsab fit-tieni sular tal-binja, sovrastanti dik il-maisonette numru 3 li tappartjeni lil konvenut Alfred Spiteri li tinsab fl-ewwel sular sovrastanti l-garages 5, 7, 9 u 11.

Illi iz-zewg maisonettes u l-erba' garages sottostanti jiffurmaw parti mill-istess blokk ta' bini u wara il-blokk ta' bini hemm ghalqa f'livell oghla minn erba' sa hames jew sitt filati 'il fuq mill-art tal-garages, li warajhom, meta ttella' il-bini in kwistjoni, kien thalla gandott li waqt ix-xita kien jintela' bl-ilma li mbaghad jiskula mill-hajt divizorju ghal gol-garages u l-imsemmi blokk bini jestendi l-isfel matul it-triq, izda b'maisonettes u garages ohra, li m'humiex taht iz-zewg maisonettes tal-konvenuti, fost liema garages

ohra hemm il-garage Numru 17, li kien gie akwistat mis-socjeta attrici flimkien mal-garage Numru 11.

Illi kif sewwa ikkonkluda l-perit tekniku, minkejja l-fatt illi fic-citazzjoni issemma il-garage Numru 11, kif ukoll il-garage Numru 17, fil-fatt il-garage Numru 11 biss huwa involut ghaliex dak biss jinsab taht parti mill-maisonettes tal-konvenuti, u il-garage Numru 11 jestendi wkoll taht proprjeta ta' terzi, li tmiss mal-maisonettes tal-konvenuti.

Illi l-perit tekniku irrileva illi l-pjanta tal-blokk tal-binja in kwistjoni qatt ma giet esebita. Il-perit tekniku kompla jispjega dettaljatament kif kien imsaqqaf il-garage Numru 11 u kif kienet il-maisonette Numru 1 u l-garage Numru 7 meta akkwistahom il-konvenut Peter Tonna u spjega ukoll dwar kif kien il-kontrabejt u il-katusi tal-ilma tal-bejt u tad-dranagg, li kienu imwahhlin f'posthom, u illi il-kontrabejt ta' fuq is-saqaf tal-maisonette numru 1 tal-konvenut Peter Tonna kien tlesta.

Sussegwentement il-perit tekniku spjega f'liema stat ta' bini kienet il-maisonette numru 3 meta inxtrat mill-konvenut l-iehor Alfred Spiteri, kif ukoll kif kienu il-katusi tal-ilma ta' din il-maisonette.

Ikkunsidrat :

Illi Jesmar Valletta beda juza l-fond tieghu sabiex jistiva hemmhekk merkanzija, u dana meta kien jaf illi l-fondi sovrastanti kienu ghadhom fi stat ta' gebel u saqaf.

Illi irrizulta illi wara is-26 ta' Ottubru 1996 is-socjeta' attrici garret merkanzija li kellhom banda ohra ghal dan il-garaxx. Fit-18 ta' Settembru 1987 kien dahal ilma fil-garaxx ta' taht parti mill-maisonettes in kwistjoni minghajr ma giet ikkagunata hsara u fuq talba ta' Jesmond Valletta, il-konvenut Alfred Spiteri ippavimenta il-bitha tieghu li in parti tigi fuq parti mill-imsemmi garaxx u ghalaq l-apperturi tat-twieqi fuq il-faccata bi plastic sheeting, li sussegwentement tqatta.

Illi fit-22 ta’ Settembru 1997 Vincent Valletta sab li kien dahal ilma fil-garaxx tieghu u acceda fil-proprjeta adjacenti ta’ terzi u ra Ii katusa tal-ilma tal-bejt tal-maisonette tal-konvenut Peter Tonna kienet inqalet minn mal-hajt u l-ilma kien qieghed icarcar ‘l isfel mal-hajt u nifed fil-garage proprjeta taghhom, minn gos-saqaf, cioe minn bejn il-fili tal-planki prestressed.

Illi Vincent Valletta kahhal il-katusa f'postha hu stess, u sostna Ii qatt ma kienet imwahhla sew. Izda dan il-fatt qatt ma gie ikkonstatat minn ebda perit. Gie ikkonstatat biss minn Vincent Valletta u minn hadd aktar, lanqas mill-perit tekniku illi acceda fuq il-post ferm wara li gara l-incident in kwistjoni.

Illi huwa rilevanti wkoll illi fit-23 ta' Settembru 1997, rega' dahal l-ilma fil-garage tas-socjeta attrici, izda sussegwentement, ghalkemm ghamlet xita qawwija, qatt ma rega' dahal ilma, u dan minkejja il-fatt illi ghal diversi snin wara il-maisonettes tal-konvenuti baqghu kif kienu u cioe’ in shell form u minghajr ma kien hemm l-apperturi f’posthom.

Illi il-Qorti, dejjem ghal fini ta’ responsabbilita ghall-hsarat illi gew ikkagunati, ikkunsidrat ukoll il-fatt illi meta is-socjeta’ attrici xtrat iz-zewg garages in shell form il-hitan ta’ dawn il-garages ma kienux imkahhlin u mizbughin la minn barra u lanqas minn gewwa u kien ghalhekk li tkahhlu u tbajdu, izda is-saqaf ma inkeshiex u z-zebgha tal-qatran mal-hajt tan-naha ta' wara saret wara s-26 ta' Ottubru 1996, u dan qabel Jesmar Valletta beda juza l-fond. Jesmar Valletta kien ghamel “gutter” matul il-hajt fuq in-naha ta' wara tal-garage sabiex jilqa l-ilma Ii jiskula minnu u jdawru ghal barra u qabbad haddiema jifthu l-fili tal-hajt fuq in-naha ta' wara, ikahhluhom u jaghmlulhom iz-zebgha tal-qatran u dana ghaliex kien jaf Ii mill-hajt fuq in-naha ta’ wara kien jiskula l-ilma fil-garages kollha Ii hemm magemb xulxin.

Illi l-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi Michael Holt, ic-Chartered Loss Adjuster tal-Mediterranean Survey Bureau Limited, inkarigat minn Melita Insurance Agency Limited,

meta xehed in kontro-ezami irrileva, meta gie mistoqsi kif esegwixxa l-verifiki dwar il-merkanzija danneggjata, illi hu kien ghamel 'random check' u dan wara li gabar l-informazzjoni dwar il-hsara pretiza mill-assikurati, ezamina l-invoices, u hareg stima tal-hsara fuq il-'purchase price', u ran wkoll jekk kienx hemm possibbilta ta' 'salvage value', u 'subrogation' ghall-irkupru tal-ispejjez.

Illi Michael Holt ikkonkluda illi l-hsara fil-garage tas-socjeta attrici giet primarjament ikkagunata bl-ilma tax-xita mill-katusa tal-maisonette ta' Peter Tonna, u bl-ilma tax-xita li dahal mill-aperturi li thallew miftuha mill-konvenuti, kif ukoll minhabba il-fatt illi l-art tal-fondi tal-konvenuti kienet ghadha mhix pavimentata.

Illi l-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi Andrew Pizzuto, il-Claims Manager ta' Melita Insurance Agency, irrileva fix-xhieda tieghu illi l-Garage numru 11 mertu ta' din il-kawza u il-garage Numru 17 tas-socjeta attrici kienu gew inkorporati fi 'Traders Combined Schedule' ghal ma' garage iehor li s-socjeta attrici kellha l-Marsa, kif ukoll ma' garage iehor illi s-socjeta' attrici kellha Birkirkara, u il-garages tal-Marsa u Birkirkara kienu jinsabu taht fondi abitati, mentri il-garages tal-Hamrun kienu jinsabu taht fondi li kienu ghadhom fi stat ta' gebel u saqaf.

Illi Andrew Pizzuto xehed ukoll in kontro-ezami, illi l-informazzjoni kollha ipprovduta minn Jesmar Valletta fil-'Proposal Form' giet iffirmata minnu ghas-socjeta attrici fis-17 ta' Jannar 1997 u ma gietx ivverifikata mis-socjeta assikuratrici, peress illi jezisti principju ta' "utmost good faith" u xehed ukoll illi mis-socjeta' attrici kellu jigi indikat l-istat li kienet tinsab fih il-proprjeta sovrastanti u jekk din il-proprjeta kienetx abitata jew le, izda din kienet kollha kwistjoni fejn l-underwriter jevalwa r-riskju involut wara diskussjoni mal-proposer dwar fatturi ohra.

Illi Richard Vella, il-General Manager ta' Melita Insurance Agency Limited, li dak iz-zmien kien l-underwriter involut, ftakar li kien mar jara l-post tal-Hamrun, ghaliex il-klijent kien qallu illi fuq kien hemm xi bini gdid 'in shell form' .

Illi ghalhekk irrizulta illi meta Jesmar Valletta inxurja l-garaxx in kwistjoni kemm hu, kif ukoll l-underwriter ta' Melita Insurance Agency Limited, kienu jafu li l-garage in kwistjoni, kien ser jintuza ghall-hazna ta’ oggetti konnessi ma' stationery.

Illi irrizulta wkoll illi, minkejja il-fatt illi Jesmar Valletta meta issottometta il-proposal form ma irrilevax li l-garaxx numru 11 kien jinsab taht bini li kien ghadu in shell form, bla aperturi u bla madum ta’ l-art u bil-hitan ghadhom mhumiex imkahhla u imbajjda, l-underwriter xehed illi kien mar jara l-post ghaliex Jesmar Vella kien qallu li fuq kien hemm xi bini gdid in shell form.

Illi ghalhekk huwa car illi hawn hekk hawn kontradizzjoni cara.

Illi irrizulta illi l-katusa ta’ l-ilma tal-bejt inqalghet u l-ilma carcar mal-hitan ghal isfel fejn flimkien ma xi ilma tax-xita li setgha dahal mill-aperturi li kienu ghadhom miftuhin, l-ilma spicca ipperkola minn gos-saqaf tal-garage in kwistjoni, u xxarbet il-merkanzija tas-socjeta attrici.

Illi l-perit tekniku irrileva illi l-katusa kienet tinzel mill-bejt tal-fond ta’ Peter Tonna ghal gol-bitha tal-fond ta' Alfred Spiteri, illi in parti qeghda fuq il-garage numru 9 appartenenti lil terzi, u in parti qeghda fuq il-garage numru 11 tas-socjeta attrici u fil-fatt il-katusa kienet tinsab fuq il-parti li qeghda fuq il-garage ta' terzi, u hemmhekk l-ilma carcar mal-hitan ghal gewwa kamra u nfirex fuq parti mill-art tal-fond ta' Alfred Spiteri.

Ikkunsidrat :

Illi l-perit tekniku irrileva illi l-'grouting' ta' bejn il-planki ‘prestressed’ u l-konkos f'irjushom seta' ma kienx ghal kollox kif kellu jkun, u b'hekk l-ilma ipperkola u mexa mal-fili ta' bejn il-planki ‘prestressed’, u li kieku s-socjeta attrici kienet hadet il-prekawzjonijiet tkahhal sew dawn il-fili ta' bejniethom minn taht b'mod effikaci kienu jigu sigillati u kien ikun iktar difficli li jipperkola hafna ilma.

Illi l-Qorti tikkondividi il-preokkupazzjoni tal-perit tekniku ghal mod kif ic-'Chartered Loss Adjuster' ghas-socjeta askuratici involuta wasal ghall-istima tal-hsara a bazi ta' 'random check', kif ukoll il-fatt Ii l-polza ghall-insurance ta' merkanzija konsistenti primarjament fi stationery u karti inharget meta kienu jafu illi I-garage in kwistjoni kien in parti sottopost minn fondi li kienu ghadhom fi stat ta’ gebel u saqaf.

Illi l-Qorti tikkondividi wkoll il-preokkupazzjoni tal-perit tekniku ghall-mod kif harget il-polza tal-insurance in kwistjoni meta ma kien hemm ebda indikazzjoni illi l-garage kien taht bini ta' terzi li kien fi stat ta' gebel u saqaf, minghajr il-hitan imkahhla, minghajr paviment, u minghajr aperturi u tara ghalhekk illi ir-rakkomandazzjoni tac-'Chartered Loss Adjuster' sabiex jirkupraw l-ispejjez mill-konvenuti mhijiex wahda gustifikata, ghaliex kienet ibbazata fuq il-fatt Ii l-fondi kienu ghadhom bl-art mhux pavimentata, b'aperturi Ii kienu ghadhom miftuha u illi l-ilma li kien dahal mis-saqaf tal-garage ghaliex katusa tal-ilma tal-bejt tal-fond ta' fuq, Ii kien ghadu in shell form u mhux abitabbli, kienet inqalghet minn mal-hajt u ma giex stabbilit x’kienet ir-raguni ghalfejn din il-katusa fil-fatt inqalghet minn mal-hajt.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet kollha, kif ukoll ghar-ragunijiet kollha imsemmija fir-rapport tal-perit tekniku, il-Qorti, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut Alfred Spiteri, peress illi din giet irtirata minnu, qeghda tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tichad it-talbiet attrici; Bl-ispejjez kontra l-istess socjetajiet attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------